MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 2189/2003

**Faros Limited [C-11649]**

**Vs**

**Gamil Merges u Rachel Sherif**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' sitt mija u sitta u tmenin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm686.35c) solidarjament bejniethom rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' prodotti ta' sbuhija li kienu gew mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuti u dan skond kif jirrizulta mill-prospett esebit u anness ma' l-Avviz.
Ra r-Risposta ta' Rachel Sherif li biha wiegbet:

a. Fl-ewwel lok li m'hijiex il-legittimu kontradittur peress illi skond skrittura privata datata 10 ta' Settembru, 2002 kopja ta' liema giet annessa, l-konvenut l-iehor Gamil Merges kellu jhallas hu d-djun kollha mid-data ta' l-istess skrittura 'l quddiem sal-ammont ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) u l-ammont mitlub jifforma proprju parti mill-obbligi tal-konvenut Merges tant li d-dati ta' l-invoices huma bejn Settembru w Ottubru 2002 ftit jiem wara l-iskrittura de quo.

b. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici mhux dovut mill-konvenuta Sherif stante li hemm novazzjoni tant li kull obbligazzjoni li talvolta seta' kien hemm (inkluz l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici) gew assunti fl-intier taghhom mill-konvenut Merges li obbliga ruhu li jhallas id-djun kollha wahdu peress li kien xtara sehem il-konvenuta Sherif min-negozju li kellhom u dan kif jirrizulta minn skrittura datata 16 t'Ottubru, 2002. Illi fil-fatt il-konvenuta Sherif illum ghandha kawza pendenti kontra Merges fejn qed titlob l-ammont lilha dovut tat-trasferiment lil Merges ta' sehemha min-negozju.

c. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, *dato ma non concesso* li l-eccezzjonijiet sudetti ma jigux milqugha l-eccipjenti ma tistax tigi kkundannata thallas peress illi huwa biss in subsiduum, wara li jonqos li jhallas Merges li tista' s-socjeta' attrici ddur fuq l-eccipjenti.

Ra r-Risposta tal-konvenut Gamil Merges li biha wiegeb illi l-eccipjent m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici essendo li kwalunkwe skrittura li fuqha qed tivvanta t-talba taghha s-socjeta' attrici hija nulla u bla validita' legali in kwantu li tikkoncerna lilu. F'kull kaz it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Ra d-dokumenti esebiti u ra x-xhieda traskritta ta' Michael Rossi, Gamil Merges u ta' Rachel Sherif.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti m'huwiex ikkontestat bejn il-partijiet li attwalment sar il-bejgh tal-prodotti ndikati fl-invoice a fol 2 tal-process ammontanti ghal sitt mija u sitta u tmenin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm686.35c) fil-hanut The Beauty Clinic, Mensija Road, San Gwann liema bejgh sar bejn is-16 ta' Settembru, 2002 u l-11 t'Ottubru, 2002.

Mill-iskrittura a fol 14 tal-process hemm miktub illi l-obbligazzjonijiet ghall-operat ta' l-imsemmi fond mill-10 ta' Settembru, 2002 li dak iz-zmien kien igib l-isem 'Moods' ikunu hamsin fil-mija (50%) ghall-mizzewgin Sherif u hamsin fil-mija (50%) ghall-mizzewgin Merges, izda stante li fl-iskrittura hemm miktub li Sherif kienu hargu diga' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500), l-elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) li jigu dovuta minn dak iz-zmien 'il quddiem kellhom jithallsu mill-mizzewgin Merges.

M'hemmx prova jekk din l-iskrittura gietx a konjizzjoni tas-socjeta' attrici izda li gara kien li fis-16 t'Ottubru, 2002 sar ftehim li jinsab esebit a fol 15 tal-process li minnu jirrizulta li fil-fatt is-sehem ta' Sherif fl-imsemmi Beauty Clinic gie ttrasferit fuq Gamil Merges izda l-partijiet ftiehmu, bil-kunsens tas-socjeta' attrici, illi ghalkemm Gamil Merges kien obbligat li jhallas l-invoices mertu tal-kawza:

"…….Rachel Sherif taghmel tajjeb fil-kaz li jonqos Gamil Merges wahidha u in solidum ma' Gamil Merges."

Illi fil-fatt hadd mill-partijiet ma hallas lis-socjeta' attrici u ghalhekk l-ammont mitlub ghadu dovut.

Dan huwa ftehim ta' natura kummercjali u ghalhekk topera ex lege is-solidarjeta'.

It-Tribunal jidhirlu illi fil-kaz odjern it-talba attrici kif dedotta ghandha tigi milqugha u stante n-natura kummercjali tat-transazzjoni ghandha topera awtomatikament is-solidarjeta'.

Illi l-konvenuta Sherif qieghda titlob illi fil-fatt l-ewwel ghandu jigi eskuss il-konvenut Merges izda l-iskrittura tas-

16 t'Ottubru, 2002 ma tghidx hekk u tghid semplicement illi Rachel Sherif tibqa' obbligata in solidum ma' Merges f'kaz li Merges ma jhallasx – kif fil-fatt m'ghamilx u ghalhekk saret il-kawza odjerna.

Iz-zewg konvenuti jikkontendu illi m'humiex il-legittimi kontradittturi izda in vista tal-premess huwa evidenti illi fil-fatt it-tnejn li huma, huma l-legittimi kontradittturi stante li fil-mument li sar il-bejgh, l-operat tan-negozju kien qed isir bejniethom.

Il-konvenuta Sherif eccepiet ukoll li kien hemm novazzjoni izda fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal l-iskrittura tas-16 t'Ottubru, 2002 ma tikkostitwix novazzjoni. Ir-rapport guridiku bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuti xorta baqa' wiehed ta' bejgh u bilanc ta' prezz dovut fuq merkanzija mibjugha. In-novazzjoni, jekk kien hemm, kienet bejn ir-relazzjoni nterna bejn il-konvenuti li ma tolqotx il-mertu tal-kawza odjerna.

Illi ghalhekk jidher li t-talbiet attrici kif dedotti ghandhom jigu milqugha u l-eccezzjonijiet kollha sollevati ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u sitta u tmenin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm686.35c) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------